# It-Tielet Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*L-indiema tan-nies ta' Ninwè.*

Ġona 3, 1-5.10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġona**

1Il-kelma tal-Mulej waslet lil Ġona u qallu: 2«Qum, mur f'Ninwè,
il-belt il-kbira, u xandrilha li ngħidlek jien.» 3U Ġona qam u mar
f'Ninwè kif qallu l-Mulej.

Issa Ninwè kienet belt kbira għall-aħħar, trid tlitt ijiem biex timxiha.
4Ġona, kif daħal il-belt, beda ġurnata mixi, ixandar u jgħid: «Erbgħin
jum ieħor, u Ninwè ssir ħerba!»

5In-nies ta' Ninwè emmnu f'Alla, nedew sawma u libsu l-ixkejjer,
mill-kbir saż-żgħir.

10U Alla ra x'għamlu, kif reġgħu lura minn triqthom il-ħażina. U Alla
raġa' bdielu mid-deni li qal li kien se jagħmlilhom, u ma għamlux.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 24 (25), 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9

R/. (4a): Triqatek, Mulej, għarrafni

4 Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
5 Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. R/.

6 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
7 Inti tajjeb, Mulej;
ftakar fija skont it-tjieba tiegħek. R/.

8 Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
9 Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

# Qari II

***Is-sura ta’ din id-dinja għad tgħaddi.***

1 Kor 7, 29-31

**Qari mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Korintin**

[29]Dan ngħidilkom, ħuti: iż-żmien qsar. Ħa jkunu, mela, dawk li
għandhom mara, bħallikieku ma għandhomx; [30]dawk li jibku,
bħallikieku ma jibkux; dawk li jifirħu, bħallikieku ma jifirħux;
dawk li jixtru, bħallikieku ma għandhom xejn; [31]dawk li jgawdu
d-dinja, bħallikieku ma jgawduhiex; għax is-sura ta’ din id-dinja
għad tgħaddi!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mk 1, 15

Hallelujah. R/. Hallelujah
Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta’ Alla waslet;
indmu u emmnu fl-Evanġelju.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Indmu u emmnu fl-Evanġelju.*

Mk 1, 14-20

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

14Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju
ta' Alla 15u jgħid: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet;
indmu u emmnu fl-Evanġelju.»

16Waqt li kien għaddej ma' xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ lil Xmun u
'l ħuh Indrì qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda.
17U Ġesù qalilhom: «Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda
tal-bnedmin.» 18U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

19Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni
fid-dgħajsa qegħdin isewwu x-xbiek, 20u minnufih sejħilhom.
U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-lavranti,
u marru warajh.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu